# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tas-sebgha u sebghin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali li nzammet fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgha 5 ta'Mejju 2010 fis-6:00 p.m.***

| ***Prezenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Vici Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Pio Fenech |
| | Michael Mifsud |
| | Alfred Muscat |
| **Agent Segretarju Ezekuttiv** | Fabian Mizzi |

**1 Talba**

**1.1** Il-laqgha bdiet fis-6.35 p.m. billi intqalet it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru 76**

**2.1** Is-Sindku staqsa jekk xi hadd xtaqx jipproponi xi emendi fil-minuti ta' l-ahhar laqgha tal-Kunsill. Peress li ma kienx hemm emendi dawn gew approvati unanimament u iffirmati.

**3 Punti mtella' mill-minuti**

**3.1** ***Para 3.1 – Torri tas-Semaforu:*** Is-Sindku nforma li l-MEPA kienet finalment harget il-*Compliance Certificate* u issa kienet ser issir l-applikazzjoni ghad-dawl ma' l-Enemalta. Gie unanimament approvat il-hlas ta' €300 ghall-imsemmija applikazzjoni. L-*electrician* George Vassallo li kien hadem ix-xoghol tad-dawl fit-Torri tas-Semaforu ser jiehu hsieb l-applikazzjoni.

**3.2** ***Para 3.2 – Kuntratt Gbir ta' l-Iskart:*** Is-Sindku nforma li wara li konna gbidna l-attenzjoni tal-kuntrattur dwar xi nuqqasijiet, is-sitwazzjoni tal-gbir ta' l-iskart organiku kienet tjiebet hafna u issa jidher li kollox miexi kif suppost. Rigward il-gbir ta' l-iskart separat huwa qal li l-gimgha l-ohra kellna diversi problemi u konna kellimna immedjatament lill-Green MT li huma responsabbli minn dan is-servizz. Jidher li din il-gimgha kien inkiseb titjib pero hu importanti li nkomplu nsegwu mill-qrib. Gie unanimament deciz li naghmlu kampanja edukattiva bil-ghan li ninfurmaw lir-residenti dwar l-iskart li jista jintefa fil-borza l-griza u dan peress li diversi boroz grizi kienu gew ikkontaminati peress li l-iskart separat kien thallat ma l-iskart organiku. L-Agent S.E. intalab sabiex fil-laqgha li jmiss tal-Kunsill jipprezenta d-dettalji ta kemm qed jingabar skart organiku u skart separat.

**3.3** ***Para 3.3 – Devoluzzjoni Xelter:*** L-Agent S.E. informa li s-*survey* tax-xelter kien tlesta u kien intbaghat lid-Dipt. ta' l-Artijiet. L-Agent S.E. intalab ikomplu isegwi mill-qrib id-devoluzzjoni tax-xelter ma dan id-Dipartiment.

3.4 ***Para 3.5 – Haddiema mal-Kunsill*:** Is-Sindku nforma li hu kellu laqghat separati ma zewg haddiema li l-Kunsill ghandu assenjati mieghu fejn hu infurmahom li l-Kunsill ma hux kuntent bil-kontribut li dawn qed jaghtu fejn xoghol relattivament zghir qed idum granet sabiex jitlesta. Filwaqt li dawn iz-zewg haddiema weghdu aktar impenn fil-hidma taghhom talbu li l-Agent S.E. jibda jipprovdilhom lista tax-xoghlijiet pendenti kif ukoll data sa meta dawn ghandhom jitlestew. Il-Kunsill unanimament approva din it-talba u l-Agent S.E. intalab sabiex isegwi mill-qrib il-progress li jkun qed jinkiseb kif ukoll li jaghti rendikont fil-laqgha tal-Kunsill.

3.5 ***Para 3.6 – Gemellagg Giarratana:*** Il-Vici Sindku qal li ma kienx hemm zviluppi f'dan ir-rigward mill-ahhar laqgha.

***Il-Kunsillier M. Mifsud inghaqad mal-Kunsill fis-6.50 p.m.***

3.6 ***Para 3.7 – Rapport SEAP* :** Qabel il-laqgha l-Ing. Busuttil li gie nkarigat sabiex jipprepara s-SEAP f'isem il-Kunsill, kien iltaqgha mal-Kunsill fejn kien spjega x-xoghol li kien wettaq sa issa u ipprezenta l-pjanijiet tieghu ta' kif il-Kunsill jista jilhaq il-mira li inaqqis b'20% l-emissjonijiet tal-*Carbon Dioxide* fir-rahal sas-sena 2020. Dan kollu gie unanimament approvat mill-Kunsill. Sadanittant is-Sindku nforma li l-bierah flimkien ma' diversi Sindki kemm lokali u barranin, huwa kien iffirma l-Patt tas-Sindki f'isem ir-rahal fi Brussels.

3.7 ***Para 3.8 – Ftehim Green MT*: –** L-Agent S.E. informa li ghalkemm kien gie mwieghed mill-Green MT li sal-laqgha kellu jkollu l-kuntratt aggornat dan baqa ma wasalx. Il-Kunsill innota b'dizappunt dan id-dewmien u gie unanimament deciz li l-Agent S.E. ghandu jkompli jsegwi ma' Green MT l-iffirmar tal-kuntratt wara li dan jigi emendat sabiex jinkludi s-suggerimenti imressqa mis-Sindku. Fost l-ohrajn il-Kunsill iddecieda li l-Green MT ghandu jaccetta t-talba tal-Kunsill li l-kuntrattur li prezentament qed jigbor l-iskart organiku jitqabbad jigbor ukoll l-iskart separat. Dan l-arrangament diga qed jithaddem f'lokalitajiet ohra.

3.8 ***Para 3.11 – Yellow Grid – Birguma Bypass:*** L-Agent S.E. informa li Transport Malta [TM] kienu nfurmawh li kienu qed jiccekkjaw jekk huwiex possibbli li t-talba taghna tintlaqa peress li normalment dawn it-tip ta' *grids* ma jsirux vicin *roundabouts* bhal ma qed nitolbu ahna.

3.9 ***Para 3.12 – Zvilupp fi Triq Katerina Sammut:*** Is-Sindku spjega li wara laqgha li huwa kellu ma xi residenti li kienu urew it-thassib taghhom ghal zvilupp li kien propost f'din it-triq, il-Kunsill kien talab lil-MEPA sabiex jikkonfermaw li huma kienu ser isegwu il-*guidelines* li jirregolaw zvilupp ta' bini biswit il-*village core* meta jkunu qed jikkunsidraw applikazzjoni ghall-permess. L-Agent S.E. qal li hu kien ircieva konferma verbali dwar dan minghand il-MEPA. Il-MEPA qalulu ukoll li huma ma kienux ser johorgu konferma bil-miktub u dan inkonformi mal-prassi li dejjem giet segwita. Il-Kunsill innota dan kollu.

3.10 ***Para 3.13 – Photovoltaic Tender*:** Is-Sindku nforma li l-Ing. Curmi minn Galea

Curmi Engineering Consultants kien evalwa l-offerti li gew sottomessi u kienu qed jirrakkomandaw li l-konsorzju jaghzel l-aktar offerta valida vantaggjuza li kienet dik ta' Alberta Ltd. Huwa qal li l-bierah waqt laqgha li saret ghall-membri li jiffurmaw parti mill-konsorzju din ir-rakkomandazzjoni kienet giet approvata u li fil-granet li gejjin kienet ser tinhareg il-*Letter of Acceptance*. Il-Kunsillier M. Mifsud qal li huwa jhoss li dan il-kuntrattur m'ghandux esperjenza f'dan il-qasam. L-Agent S.E. intalab igib kopja tal-*Letter of Acceptance.*

***Il-Vici Sindku halla l-laqgha fit-7.45 p.m. minhabba mpenji ohra.***

**3.11** ***Para 3.14 – Maintenance Agreement Lift :*** Gie unanimament deciz li ssir l-*inspection* mill-inginjier maghzul mill-Kunsill u wara niddeciedu dwar is-*setting* li hemm bzonn isir..

**3.12** ***Para 3.15 – WIFI Access Points:*** Is-Sindku informa li konna gejna nfurmati li kienet ix-xewqa tas-Seg. Parl. ghall-Gvern Lokali li din is-sistema tigi nstallata fil-Pjazza u mhux fi Gnien il-Paci. Filwaqt li l-Kunsill ma jsib l-ebda oggezzjoni li din issir fil-Pjazza pero' jahseb li fi Gnien il-Paci tigi utilizzata iktar. Giet ratifikata r-risposta li inbaghtet f'dan is-sens.

**3.13** ***Para 3.16 – Skema Ta' Ghajnuna Finanzjarja Ghal Korsijiet Lifelong Learning:*** L-Agent S.E. informa li konna gejna nfurmati li d-data ta' l-gheluq ta' din l-iskema kienet ser tigi estiza ghal Gunju peress li kienet ser issir laqgha ghal dawk kollha nteressati. Il-Kunsillier P. Fenech wera x-xewqa li jorganizza kors ta' l-arti fis-sajf u gie unanimament deciz li jinhargu l-*posters* sabiex naraw jekk hemmx min huwa nteressat f'dan il-kors. Huwa qal ukoll li kien qed jistenna d-dettalji ta' korsijiet ohra li jistghu isiru.

**3.14** ***Para 3.18 – Embellishment Monument Pjazza:*** L-Agent S.E. informa li wara li konna gejna nfurmati li l-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Ambjent kienu nteressati li jghinu f'dan il-progett huwa kien kellem lid-Direttur Generali li kien wieghdu l-ghajnuna kollha u din it-talba kienet saret ukoll bil-miktub.

**3.15** ***Para 3.20 – Offerti:*** L-Agent S.E. ikkonferma li l-kuntrattur kien ipprezenta l-garanzija bankarja kif jistipula l-kuntratt u ladarba jigi iffirmat il-kuntratt ser issir l-ordni ghat-twahhil ta 16-il bank fl-inhawi tal-Pjazza.

Saret diskussjoni dwar il-fanali fejn l-Agent S.E. informa li kuntrattur wiehed kien bghatilna stima ta' kemm jigu l-fanali li konna nteressati fihom ahna filwaqt li l-kuntrattur l-iehor kien ghadu ma wegibx. Fic-cirkostanzi gie unanimament deciz li l-Kunsill jistenna sa laqgha ohra qabel jiehu decizjoni finali pero l-Kunsillieri ntalbu jaraw l-fanali l-godda li twahhlu fi Triq il-Kbira f'Birkirkara sabiex jekk jintghogbu naraw humiex fil-lista ta' dawk li kienu tefghu l-offerta taghhom.

Dwar il-*website* l-Agent S.E. informa li kien ghadu qed jistenna minghand il-MITA konferma ta' l-ispejjez tal-*hosting* peress li huwa obligatorju li l-*website* tigi *hosted* ghandhom.

Rigward il-progett tal-Latrina pubblika, l-Kunsillier M. Mifsud informa li huwa flimkien ma' l-Agent S.E. kienu evalwaw l-orhos zewg offerti li huma vicin hafna lejn xulxin f'dak li ghandu x'jaqsam ma prezz pero hemm xi differenzi fil-materjal li ser jintuza. Wara diskussjoni gie unanimament deciz li l-Agent S.E. u l-Kunsillier M. Mifsud jaghmlu laqgha ma wiehed mill-kuntratturi li kien ghamel offerta - Project Technik – sabiex ikellmuh dwar xi punti li tqajjmu mill-Kunsillieri fosthom l-*upgrading* tas-*sanitary ware*, it-*toilet* ghall-persuni bi bzonnijiet specjali, l-*partitions*, il-bibien ta' l-iroko, r-rampa u l-livell ta' l-art. Decizjoni finali mill-Kunsill tittiehed aktar tard.

**3.16** ***Para 6.6 – Patching fi Sqaq ic-Cawl:*** L-Agent S.E. informa li huwa kien mar fuq il-post u qal li jista jsir xi ftit *patching*. Gie unanimament deciz li dan ix-xoghol isir mill-haddiem *attached* mal-Kunsill kif ukoll isir qtuh tal-haxix. Gie innotat li fil-Gazzetta tal-Gvern gie ippubblikat avviz fejn il-Gvern kien qed jaghmel jiehu art ta terzi probabilment sabiex jitwessa dan l-isqaq.

**3.17** ***Para 8.1 – Festi Centinarji Nar :*** L-Agent S.E. informa li huwa kien rega ltaqgha mas-Sur I. Aquilina fejn gew diskussi l-attivitajiet f'aktar dettal. Huwa qal li s-Sur Aquilina kien qabel mal-proposti tal-Kunsill u li ma kienx jidher li kellu jkun hemm problemi. Is-Sindku nforma li l-Ghaqda tan-Nar kienet stiednet lill-Kunsill ghall-quddiesa li ser issir nhar il-Hadd 9 ta' Mejju kif ukoll ghal attivita li ser issir fil-11 ta' Mejju fit-Tejatru Excelsior. Rigward il-kiosks gie unanimament deciz li l-Kunsill jitlob hlas ta' €25 sabiex jinhareg permess li €15 minnhom jinghataw lura jekk il-post jithalla nadif. Gie unanimament deciz ukoll li l-Kunsill joffri *memento* lit-3 ghaqdiet li din is-sena qed jiccelebraw xi centinarju / anniversarju jigifieri l-Parrocca, l-Ghaqda tan-Nar u l-Ghaqda Filarmonika.

**3.18** ***Para 8.3 – Ghar San Brinkat :*** L-Agent S.E. informa li konna iccekkjajna mal-MEPA u l-Heritage Malta dwar jekk hemmx bzonn ta' permess sabiex isiru xoghlijiet ta skavar fil-ghar u konna gejna nfurmati li ma kienx hemm bzonn ta permess izda min jaghmel ix-xoghol irid ikun registrat bhala arkeologu approvat mill-MEPA.

L-Kunsillier P. Fenech informa li huwa kien avvicina lis-Sur Ernest Vella li huwa arkeologu u li huwa fuq il-lista tal-MEPA. Dan kien offra li jaghmel xi skavi inizjali sabiex naraw il-potenzjal tal-post. Is-Sur Vella kien qed joffri s-servizzi tieghu minghajr hlas. Dan gie unanimament accettat mill-Kunsill u decizjoni jekk isirux xoghlijiet ta' skavar tittiehed wara li jkollna r-rizultat ta l-investigazzjoni preliminari.

**3.19** ***Para 8.5 – Xiri ta' Kotba ghall-Librerija :*** L-Kunsillier P. Fenech informa li l-ghazla tal-kotba kienet saret u li sa tmiem il-gimgha kienet ser issir l-ordni.

**3.20** ***Para 8.6 – Xiri ta' Unit :*** Gew ipprezentati xi stimi li konna gibna ghax-xiri ta' din il-*Unit* izda gie unanimament deciz li ghandhom jingiebu aktar stimi qabel tittiehed decizjoni finali.

**3.21** ***Para 7.5 – Jum il-Premjazzjoni :*** L-Agent S.E. informa li l-ktieb li ser jinghata mill-Kunsill kien inxtara u li x-*Shield* kienet ghand il-kap ta' l-iskola. Il-Kunsillieri huma mistiedna li jattendu.

**3.22** ***Para 7.8 – Double Yellow Lines fi Triq Dun S. Zarb :*** L-Agent S.E. informa li dawn kienu saru kif approvat minn TM u r-resident li kien ghamel it-talba kien qabel ma kif saru. Wara hu kien gie nfurmat illi l-problema ma kienitx giet solvuta xorta peress li kien hemm min qed jinjora dawn id-*Double Yellow Lines*. Gie unaniment deciz li fic-cirkostanzi l-Kunsill ma jista jaghmel xejn aktar peress li huwa kien mexa mas-suggeriment ta' Transport Malta [TM]. Ir-resident ghandu jigi infurmat li irid jaghmel rapport lill-Pulizija jekk ikun hemm min qed jikser il-ligi.

## 4 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti

**4.1** L-Agent S.E. ipprezenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-ufficcju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet giet ippublikata l-Agenda. Dawn kollha gew approvati unanimament. Gie unanimament approvat ukoll li jsir il-hlas dovut lis-Sur D. Calleja ghax-xoghol imwettaq meta infetah ix-xelter.

## 5 Ilmenti u Suggerimenti

**5.1** Talba sabiex isir *Double Yellow Line* fi Triq San Nikola in-naha ta' isfel peress li vetturi mhux qed ikunu jistghu jghaddu minhabba li vetturi qed jipparkjaw fuq iz-zewg nahat tat-triq. Wara diskussjoni gie unanimament deciz li din it-talba tigi investigata aktar u jekk ikun hemm bzonn isir *Single Line* fl-idjaq parti tat-triq.

**5.2** Talba Sabiex isir *Double Yellow Line* fi Triq San Gwann faccata ta' Triq Stiefnu Zerafa. Wara diskussjoni gie unanimament deciz li jsir *Single Line* sabiex jitkompla ma' dak ezistenti jekk jinstab li hemm verament bzonn.

**5.3** Talba sabiex jitnehha l-*parking* min-naha wahda ta' Triq Karmnu Zarb. Din it-talba ma gietx milqugha unanimament peress li ma gietx meqjusa bhala wahda gustifikata u jekk din il-mizura tigi implimentata ser jintilef hafna spazju tal-*parking*.

**5.4** Talba sabiex jithalla jsir *parking* fuq iz-zewg nahat ta' Triq Stiefnu Zerafa fil-parti bejn Vjal ir-Repubblika u Triq Naxxar. Gie nnotat li l-ipparkjar kien gie ipprojbit fuq naha wahda wara talba li kienet saret minn diversi residenti peress li kien qed jinholoq ostaklu ghat-traffiku. Il-mizura li kienet ittiehdet ghenet hafna fil-mixi tat-traffiku u minn dan iz-zmien sal-lum qatt ma konna rcevejna aktar ilmenti. Fic-cirkostanzi l-Kunsill unanimament iddecieda li ma jibdilx id-decizjoni originali tieghu u li ma jaghmel xejn aktar.

**5.5** Talba sabiex titbaxxa bankina quddiem garaxx fi Triq Dun Karm Fenech. Wara li l-Agent S.E. wera ritratti tal-post, gie nnotat li l-bankina diga hija baxxa *(drop kerb)* u jekk din titbaxxa aktar ikun hemm ir-riskju li l-ilma jibda jaqleb ghal go l-garaxx. L-Agent S.E. gie mitlub jispjega dan lir-resident li ghamel it-talba.

**6 Korrispondenza**

**6.1** Korrispondenza varja li rcivejna mill-ahhar laqgha sa llum minghand il-MEPA dwar zviluppi fil-lokalita'.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.2** Memo 53/2010 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Mistoqsija Parlamentari Numru 15042.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.3** Memo 54/2010 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Mistoqsija Parlamentari Numru 15044.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.4** Memo 55/2010 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Mistoqsijiet Parlamentari Numri 15047 u 15051.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.5** Memo 56/2010 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Mistoqsijiet Parlamentari Numri 16382 u 16383.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.6** Memo 57/2010 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Mistoqsija Parlamentari Numru 15062.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.7** Memo 58/2010 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Mistoqsija Parlamentari Numru 14758.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.8** Memo 59/2010 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Hinijiet ta' Xoghol u Hinijiet tal-Ufficcju fil-Kunsilli Lokali.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.9** Memo 60/2010 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Mistoqsija Parlamentari Numru 15060.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.10** Stima ta € 281.55 minghand Transient ghall-provista ta' dawl u *sound* ghall-Huggiega ta' San Gwann.

Din il-korrispondenza giet innotata. Decizjoni finali tittiehed aktar il-quddiem meta l-Kunsillier P. Fenech jipprezenta *budget* dettaljat ta din l-attivita'.

**6.11** Korrispondenza minghand il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni dwar Konferenza Nazzjonali dwar is-Sistema tal-Kulleggi.

Din il-korrispondenza giet innotata u l-Kunsillier P. Fenech ser jattendi.

**6.12** Korrispondenza mill-Kunsill Lokali Naxxar dwar pjanijiet ghal Zona Pedonali gewa n-Naxxar.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie unanimament deciz li jintalbu iktar kjarifiki u dettalji specifici dwar dawn il-pjanijiet minghand il-Kunsill Lokali Naxxar.

**6.13** Korrispondenza mill-Universita ta' Malta dwar Konferenza bit-tema : *Asylum in Malta and the EU : Rights and Realities.*

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.14** Korrispondenza mill-Ambaxxata Spanjola f'Malta dwar Seminar bit-tema : *The Road Map for Equality after 2010.*

Din il-korrispondenza giet innotata u l-Kunsillier A. Muscat wera li ser jattendi.

**6.15** Korrispondenza minghand il-Komunita Tigi Saltnatek fejn intalab il-permess tal-Kunsill sabiex isir *Healing Service* gewwa Triq San Bartilmew.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie unanimament deciz li l-Kunsill ma japprovax din it-talba peress li l-organizzaturi kienu qed jitolbu li din it-triq u Misrah il-Knisja jkunu maghluqa ghat-traffiku ghal madwar 48 siegha. Il-Kunsill ihoss li dan l-gheluq ser johloq tbatija ghar-residenti partikolarment ghal dawk li joqghodu fl-inhawi izda ukoll peress li Triq San Bartilmew hi triq principali. Gie unanimament deciz li l-Agent S.E. jiddiskuti mal-Komunita Tigi Saltnatek bil-ghan li jinstab post alternattiv fir-rahal fejn l-impatt ikun inqas.

**6.16** Korrispondenza minghand is-Socjeta' Filarmonika San Bartilmew bhala ringrazzjament lill-Kunsill ghas-sehem tieghu fl-Akkademja Muzika-Letterarja li nzammet dan l-ahhar.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.17** Korrispondenza minghand l-IPSL dwar passi dixxiplinarji li tiehdu fil-konfront tal-haddiem ta' l-IPSL li huwa assenjat fil-lokalita' taghna u li ma nstabx fuq il-lant tax-xoghol waqt ispezzjoni li saret minn ufficcjali tal-Kunsill.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.18** Korrispondenza minghand is-Segretarjat Parlamentari ghall-Gvern Lokali tinfurmana li peress li t-talba ghas-sigar skond Memo 12/2010 kienet kbira hafna, l-Kunsilli Lokali kienu qed jintalbu jhallsu terz ta' l-ispiza ghas-sigar kif ukoll li l-ammont mitlub ma kienx ser jinghata kollu.

Gie nnotat li l-Kunsill kien qed jigi mitlub ihallas is-somma ta' €5,065.11 ghal 135 sigra. Fic-cirkostanzi l-Kunsill iddecieda li jixtri biss 50 sigra. L-Agent S.E. ser jiehu hsieb igib lista tas-sigar u l-prezz involut.

**6.19** Korrispondenza minghand il-MEUSAC dwar *Pre-Announcement* ghal hrug ta' fondi sabiex isiru progetti relatati ma' l-energija.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie unanimament deciz li l-Kunsill jesplora il-possibilita' li tigi installata sistema ta' *Photovoltaic Panels* fuq il-bini ta' l-iskola Primarja kif ukoll sabiex issir kampanja edukattiva dwar l-uzu ta energija nadifa.

## 7 Materji Ohra u Mistoqsijiet

**7.1** Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Awdituri waslu sabiex johorgu l-*Management Letter* wara l-awditjar taghhom tal-kotba tal-Kunsill ghad-9 xhur li ghalqu 31 ta Dicembru 2009. Huwa qal li fil-granet li gejjin hu u l-Agent S.E. ser jiltaqghu ma l-Awdituri sabiex jiddiskutu r-rakkomandazzjonijiet li qeghdin jaghmlu. Fil-laqgha li jmiss tal-Kunsill, l-Awditur ser jattendi sabiex jispjega lill-Kunsill u jirrispondi xi mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

**7.2** L-Agent S.E. ta dettalji ta' laqgha li kellna ma' ufficcjali mill-MTA dwar progett li dawn ghandhom ghall-inhawi ta' Triq Ghaxqet l-Ghajn u Triq il-Gnien. Waqt din il-laqgha l-MTA spjegaw il-progett u l-pjanti li thejjew mill-Perit Mariello Spiteri. L-ghan hu li tinghata dehra gdida lil l-inhawi, t-triq, il-fortizza ta' Lanciritka u l-gnien zghir li hemm fuq gewwa.

Il-Kunsill unanimament approva dan il-progett u s-Sindku gie awtorizzat sabiex jikkonferma lill-MTA li bhala Kunsill Lokali ma kellna l-ebda oggezzjoni. L-Agent S.E. intalab sabiex jibghat l-informazzjoni u dokumentazzjoni mitluba mill-MTA kif ukoll li jikseb pjanti u disinji dettaljati tal-progett.

Sadanittant peress li d-Dipt ta l-Artijiet kien sejjah laqgha dwar id-devoluzzjoni tal-fortizza ta Lanciritka, l-Kunsill unanimament iddecieda li ghal din il-laqgha ghandhom jattendu ukoll l-MTA flimkien mal-Perit Spiteri halli huma jispjegaw il-progett imsemmi. L-Agent S.E. ghandu jaghmel l-arrangamenti mehtiega mal-MTA u d-Dipt. ta l-Artijiet.

**7.3** Il-Kunsillier A. Muscat informa li s-Sotto Kumitat li tieghu huwa *Chairperson* kien ser jorganizza *Weekend Break* f'lukanda f'Tas-Sliema fl-okkazjoni ta' Jum l-Omm kif ukoll harga ghall-fabbrika tal-*Golden Harvest* il-gimgha d-diehla. Dan kollu gie unanimament approvat.

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**7.4** Gie unanimament deciz li fl-okkazjoni tat-tberik ta' l-annimali li ser isir il-Hadd 16 ta' Mejju, jitqabbad kennies sabiex jnaddaf kemm qabel kif ukoll wara li tispicca l-attivita'.

**7.5** Il-Kunsillier P. Fenech informa li din is-sena l-attivita' tal-Huggiega ta' San Gwann kienet ser issir il-Gimgha 25 ta' Gunju. Huwa qal li l-Kumitat tal-Kazin tal-Banda kienu nfurmawh li minhabba spejjez relatati mal-festi centinarji, din is-sena ma setghux ihallsu l-kera tal-kostumi u ghalhekk kull ma kienu ser jaghmlu hu sempliciment jippartecipaw. Il-Kunsillier Fenech ser jaghti aktar dettalji ta din l-attivita fil-laqghat li gejjin.

**7.6** L-Agent S.E. informa li konna rcivejna tahrika ta' xhud dwar kaz ta' kelb jiggerra barra fi Triq Fidiel Zarb u li dwaru l-Kunsill kien ilmenta mal-Pulizija. Hu kien ser jattendi l-Qorti f'isem il-Kunsill Lokali.

**7.7** Saret diskussjoni dwar il-Gemellagg. Gie innotat li minkejja li ghadda hafna zmien sal-lum il-Kunsill ghadu ma rnexxielux jikkonkludi gemellagg. Il-Kunsillieri prezenti ilmentaw li ladarba l-Kunsillier li ghandu din ir-responsabbilta' diretta ma rnexxielux jikkonkludi gemellagg din ir-responsabbilta' ghandu tinghata lil xi Kunsillier iehor. Is-Sindku qal li kemm il-darba hu spejga li ma hemm xejn xi izomm lil kull Kunsillier li jmexxi x-xoghol tal-Kunsill u sa fejn jaf hu kien hemm Kunsillieri li diga hargu b'xi suggerimenti dwar dan is-suggett li ukoll ma tawx rizultat posittiv.

Il-Kunsillieri sostnew li ma jaghmilx sens li huma jfittxu u jahdmu fuq gemellagg meta eventwalment l-mertu (safar etc.) jiehdu l-Kunsillier li ghandu din ir-responsabbilta'. Fuq suggeriment tas-Sindku gie unanimament deciz li dak il-Kunsillier li jirnexxielu jinnegozzja b'success ftehim ta' gemellagg awtomatikatament ikun hu l-Kunsillier responsabbli minn dak il-gemellagg u li flimkien mas-S.E. jiehu hsieb dak kollu relatat ma' dan il-gemellagg inkluz xi safar li jsir.

## 8 Aggornament

**8.1** Il-laqgha giet aggornata fl-10:25 p.m. wara li l-*items* fuq l-Agenda gew ezawriti u gie deciz li laqgha ohra ssir nhar it-Tlieta 18 ta' Mejju 2010 fis-6:30 p.m.

5

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Fabian Mizzi** | **18 ta' Mejju 2010** |
| **Sindku** | **Agent Segretarju Ezekuttiv** | **Data** |